

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: AB Volvo.

Konvenut: Transsaqui S.L.

Domandi preliminari

- 1) Fiċ-ċirkustanzi tal-kontenzjuż relatat mal-akkordju tat-trakkijiet deskritti f'din id-deċiżjoni, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-Artikolu 101 TFUE, jista' jiġi interpretat fis-sens li n-notifika ta' kumpannija omm li kontriha titressaq azzjoni għall-kumpens għad-dannu kkawżat minn Prattika li tirrestrinġi l-kompetizzjoni titqies li ssir b'mod korrett meta tali notifika tkun saret (jew ipprovat issir) fid-domiċilju tal-kumpannija sussidjarja ddomiċiljata fl-Istat li fih tkun tressqet il-proċedura ġudizzjarja u l-kumpannija omm, iddomiċiljata fi Stat Membri ieħor, ma tkunx dehret għall-proċedura u tkun baqgħet kontumaċi?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti, din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 47 tal-Karta tkun kompatibbli mal-Artikolu 53 tal-Karta, fid-dawl tal-ġurisprudenza tat-Tribunal Constitucional (il-Qorti Kostituzzjonali, Spanja) dwar in-notifika tal-kumpanniji omm iddomiċiljati fi Stat Membru ieħor fil-kuntest tat-tilwim relatat mal-akkordju tat-trakkijiet?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fil-11 ta' Ottubru 2022 –
Real Madrid Club de Fútbol, AE vs EE, Société Éditrice du Monde SA**

(Kawża C-633/22)

(2023/C 24/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Real Madrid Club de Fútbol, AE

Konvenuti: EE, Société Éditrice du Monde SA

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 34 u 36 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali⁽¹⁾ u l-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li kundanna għad-dannu lir-reputazzjoni ta' klabb sportiv permezz ta' informazzjoni ppubblikata minn gazzetta tista' manifestament tippreġudika l-libertà ta' espressjoni u għalhekk tikkostitwixxi motiv għal rifjut ta' rikonossiment u ta' eżekuzzjoni?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li n-natura sproporzjonata tal-kundanna tista' tiġi kkonfermata mill-qorti mitluba biss fil-każ li d-danni jkunu ġew ikklassifikati bħala punittivi jew mill-qorti ta' oriġini, jew mill-qorti mitluba, u mhux jekk dawn jingħataw għal kumpens għal dannu morali?
- 3) Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti mitluba tista' tibbaża ruħha biss fuq l-effett dissważiv tal-kundanna fir-rigward tar-riżorsi tal-persuna kkundannata jew li din il-qorti tista' tikkunsidra fatturi oħra bħall-gravità tan-nuqqas jew il-portata tad-dannu?
- 4) L-effett dissważiv fir-rigward tar-riżorsi tal-gazzetta jista' fih innifsu jikkostitwixxi motiv għal rifjut ta' rikonossiment jew ta' eżekuzzjoni minħabba ksur manifest tal-prinċipju fundamentali tal-libertà tal-istampa?
- 5) L-effett dissważiv għandu jinftiehem bħala theddida għall-istabbiltà finanzjarja tal-gazzetta jew jista' jikkonsisti biss effett ta' intimidazzjoni?

- 6) L-effett dissważiv għandu jiġi evalwat bl-istess mod fir-rigward tal-kumpannija editriċi ta' gazzetta u fir-rigward ta' ġurnalist, li huwa persuna fiżika?
- 7) Is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali tal-istampa bil-miktub hija fatt rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk, lil hinn mill-gazzetta inkwistjoni, il-kundanna jista' jkollha effett ta' intimidazzjoni fuq il-midja kollha kemm hi?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (il-Bulgarija) fl-10 ta' Ottubru
2022 – Proċeduri kriminali kontra OT, PG, CR, VT u MD**

(Kawża C-634/22)

(2023/C 24/35)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Sofiyski gradski sad

Partijiet fil-proċeduri kriminali nazzjonali

OT, PG, CR, VT u MD

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 2 TUE u 6(1) u (3) TUE, u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jkun hemm preġudizzju għall-indipendenza ta' qorti, li tkun tneħħiet permezz ta' emenda adottata fiż-Zakon za sadebnata vlast (il-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju) (DV Nru 32, tas-26 ta' April 2022, filwaqt li l-qorti ġiet xolta fis-27 ta' Lulju 2022) iżda li l-imħallfin sedenti fiha għandhom ikompli jeżaminaw sa dik id-data l-kawża li jkunu ġew assenjati lilhom, kif ukoll, wara din id-data, il-kawża ta' din l-istess istituzzjoni, li fihom ikunu żammew seduti preliminari, sa fejn bit-tneħħija tagħha jiġu ggarantiti l-prinċipju kostituzzjonali ta' indipendenza tal-poter ġudizzjarju u l-protezzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali taċ-ċittadini, mingħajr ma ġew debitament esposti argumenti dwar il-fatti li jwasslu għall-konklużjoni li kien hemm ksur ta' dawn il-prinċipji?
- 2) Dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali, bħal dawk previsti fiż-Zakon za izmenenie i popalnenie na Zakona za sadebnata vlast (il-Liġi li temenda u li tikkompleta l-Liġi dwar il-Poter Ġudizzjarju) (DV Nru 32, tas-26 ta' April 2022), li jwasslu għat-tneħħija kompleta bħala awtorità awtonoma tal-poter ġudizzjarju Bulgaru (tal-iSpezializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata)), għar-raġunijiet indikati, u għall-assenjazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin (inklużi dawk tal-kulleġġ ġudikanti li qiegħed jeżamina din il-kawża) ta' din il-qorti lejn diversi qrati, iżda li jobligaw lil dawn l-imħallfin ikompli jisimgħu l-kawża li kienu bdew jittrattaw meta ġiet xolta l-qorti?
- 3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, u fid-dawl tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, liema għandhom ikunu l-atti proċedurali tal-membri tal-ġudikatura tal-qrati li tneħħew fil-kawża tal-qorti li tneħħiet (li l-liġi tobligahom iwettqu), fid-dawl ukoll tal-obbligu tagħhom li jevalwaw ir-raġunijiet għal rikuża f'dawn il-kawżi? Liema huma l-konsegwenzi għad-deċiżjonijiet fil-mertu mogħtija fil-kawżi pendenti quddiem il-qorti li tneħħiet li l-eżami tagħhom għandu jitwaqqaf u għall-atti li jagħlqu dawn il-kawżi?